**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 10 ta' Lulju 2019

Rikors Numru: 194/19 AL

**A B C sive A D**

Vs

**E F sive G**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-ġurament tar-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), ġewwa Guangzhou, iċ-Ċina, skond ma jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ relattiv illi qed jiġi anness, esebit u mmarkat bħala Dok 'A'.

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet għandhom tifla, senjatament H D-G illi twieldet fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ottubru ta-sena elfejn u disgħa (2009) u li għaldaqstant għadha minorenni.
3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u dan skond ma jirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi, li kopja legali tiegħu qed tiġi annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. 'B'.
4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi, oltre li huma legalment separati, l-partijiet ilhom separati de facto għal dawn l-aħħar erba' (4) snin, senjatament sa mis-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin.
5. Illi in oltre ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet rigward ħlas ta' manteniment stante illi ai termini tal-klawsola tlieta (3) ta' l-imsemmi kuntratt il-partijiet irrinunzjaw għad-dritt tagħhom illi jitolbu manteniment mingħand xulxin, b'dan illi in oltre kwalunkwe manteniment li kellu jitħallas ai termini tal-klawsola 32 (iv) tal-kuntratt ta' separazzjoni ġie mħallas fl-intier tiegħu.
6. Illi għal dak li jirrigwarda l-minuri l-manteniment qiegħed jiġi mħallas regolarment mir-rikorrenti lill-intimata għall-bżonnijiet tal-minuri ai termini tal-klawsola sbatax (17) tal-imsemmi kuntratt.
7. Illi in oltre ir-rikorrenti jirrileva umilment li huwa ssodisfa wkoll l-obbligu tiegħu illi jakkwista appartament għall-intimata u għall-minuri ai termini tal-klawsola 32 (iii) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni iffirmat bejn il-partijiet.
8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-otteniment ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku

bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.

U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti kollha illi ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Mejju, 2019;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara li m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Ligi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Ottubru, 2018 u de facto separati ghal dawn l-ahhar erba` snin;

Illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.